



**Opinjoni Konġunta tal-EDPB u l-  
EDPS 1/2021 dwar id-Deċiżjoni ta'  
Implimentazzjoni tal-Kummissjoni  
Ewropea dwar klawżoli  
kuntrattwali standard bejn il-  
kontrolluri u l-proċessuri**

**għall-kwistjonijiet imsemmija fl-  
Artikolu 28(7) tar-Regolament  
(UE) 2016/679 u l-Artikolu 29(7) tar-  
Regolament (UE) 2018/1725**

## WERREJ

1	Sfond .....	3
2	Il-kamp ta' applikazzjoni tal-opinjoni .....	4
3	Raġunament ġenerali dwar l-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-Abbozz tal-SCCs .....	4
3.1	Kummenti ġenerali.....	5
3.2	Spjegazzjoni tal-metodoloġija applikata u l-istruttura tad-dokument.....	5
4	Analiżi tal-Abbozz tad-Deċiżjoni u tal-Anness tagħha .....	6
4.1	Kummenti ewlenin dwar l-Abbozz tad-Deċiżjoni.....	6
4.1.1	Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni u dwar l-artikolazzjoni mas-sett l-ieħor ta' Abbozz tal-SCCs dwar it-trasferimenti.....	6
4.2	Kummenti ewlenin dwar l-Anness għad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni .....	7
4.2.1	Għan u kamp ta' applikazzjoni (il-Klawżola 1 tal-Abbozz tal-SCCs).....	7
4.2.2	Invarjabbiltà (il-Klawżola 2 tal-Abbozz tal-SCCs).....	7
4.2.3	Klawżola ta' ddokkjar (il-Klawżola 5 tal-Abbozz tal-SCCs).....	7
4.2.4	Obbligi tal-Partijiet (il-Klawżola 7 tal-Abbozz tal-SCCs).....	8
4.2.5	Drittijiet tas-Suġġett tad- <i>data</i> (il-Klawżola 8 tal-Abbozz tal-SCCs) .....	10
4.2.6	Annessi għall-Abbozz tal-SCCs .....	11

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ("EUDPR"),

Wara li kkunsidraw il-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>,

### ADOTTAW L-OPINJONI KONĠUNTA LI ĠEJJA

## 1 SFOND

1. Fil-kuntest tar-relazzjoni bejn kontrollur u proċessur, jew proċessuri, għall-ipproċessar ta' *data* personali, ir-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jew "GDPR"), fl-Artikolu 28 tiegħu, jistabbilixxi sett ta' dispożizzjonijiet fir-rigward tal-istabbiliment ta' kuntratt speċifiku bejn il-partijiet involuti, u d-dispożizzjonijiet obligatorji li jenħteġ li jiġu inkorporati fih.
2. Skont l-Artikolu 28(3) tal-GDPR, l-ipproċessar minn proċessur għandu jkun regolat b'kuntratt jew b'att legali ieħor skont il-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru li jkun vinkolanti fuq il-proċessur fir-rigward tal-kontrollur, li jistabbilixxi sett ta' aspetti speċifiċi biex tiġi regolata r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, is-suġġett u t-tul tal-ipproċessar, in-natura u l-iskop tiegħu, it-tip ta' *data* personali u l-kategoriji tas-suġġetti tad-*data*. L-Artikolu 28(4) jipprevedi rekwiżiti addizzjonali fejn proċessur jinvolvi proċessur ieħor għat-twerttiq ta' attivitajiet ta' proċessur speċifiċi f'isem il-kontrollur.
3. Skont l-Artikolu 28(6) tal-GDPR, mingħajr preġudizzju għal kuntratt individwali bejn il-kontrollur u l-proċessur, il-kuntratt jew l-att legali l-ieħor imsemmi fil-paragrafi (3) u (4) tal-Artikolu 28 tal-GDPR jista' jkun ibbażat, kompletament jew parzjalment, fuq klawżoli kuntrattwali standard. Dawn il-klawżoli kuntrattwali standard għandhom jiġu adottati għal dawk il-kwistjonijiet imsemmi fil-paragrafi (3) u (4).

---

<sup>1</sup> Ir-referenzi għal "Stati Membri" li hawn f'din l-opinjoni jenħteġ li jinftiehem b'halha referenzi għal "Stati Membri taż-ŻEE".

4. L-Artikolu 28(7) tal-GDPR jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tistabbilixxi klawżoli kuntrattwali standard għall-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 93(2).
5. L-EUDPR jistabbilixxi regoli relatati mal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u regoli relatati mal-moviment liberu ta' *data* personali bejniethom jew lil riċevituri oħrajn stabbiliti fl-Unjoni.
6. L-Artikolu 29(3), (4) u (7) tal-EUDPR fih rekwiżiti simili għal dawk inklużi fl-Artikolu 28(3), (4) u (7) tal-GDPR. Dan huwa ġġustifikat mill-fatt li, fl-interess ta' approċċ koerenti għall-protezzjoni tad-*data* personali madwar l-Unjoni u l-moviment liberu tad-*data* personali fl-Unjoni, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* applikabbli għas-settur pubbliku fl-Istati Membri u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni ġew allinjati kemm jista' jkun.

## 2 IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-OPINJONI

7. Fit-12 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat:
  - )] Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar klawżoli kuntrattwali standard bejn il-kontrolluri u l-proċessuri għall-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 29(7) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (l-"**Abbozz ta' Deċiżjoni**");
  - )] abbozz ta' Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar klawżoli kuntrattwali standard bejn il-kontrolluri u l-proċessuri għall-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 29(7) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (l-"**Abbozz tal-SCCs**").
8. Fl-istess jum, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat ukoll abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni u l-Anness tagħha dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2016/679.
9. Fit-12 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea talbet opinjoni konġunta tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB) u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) abbażi tal-Artikolu 42(1), (2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (EUDPR) dwar dawn iż-żewġ settijiet ta' abbozzi ta' klawżoli kuntrattwali standard u l-atti ta' implimentazzjoni rispettivi.
10. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-EDPB u l-EDPS iddeċidew li joħorġu żewġ opinjonijiet separati dwar dawn iż-żewġ settijiet ta' SCCs.
11. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-opinjoni huwa għalhekk limitat għall-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-Abbozz tal-SCCs bejn il-kontrolluri u l-proċessuri għall-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28(3) u (4) tal-GDPR u l-Artikolu 29(3) u (4) tal-EUDPR.

## 3 RAĠUNAMENT ĠENERALI DWAR L-ABBOZZ TAD-DEĊIŻJONI U L-ABBOZZ TAL-SCCs

### 3.1 Kummenti ġenerali

12. Kwalunkwe sett ta' SCCs irid jispeċifika ulterjorment id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 28 tal-GDPR u fl-Artikolu 29 tal-EUDPR. L-opinjoni tal-EDPB u tal-EDPS għandha l-għan li tiżgura konsistenza u applikazzjoni korretta tal-Artikolu 28 tal-GDPR fir-rigward tal-Abbozz tal-SCCs ippreżentat li jista' jservi bħala klawżoli kuntrattwali standard f'konformità mal-Artikolu 28(7) tal-GDPR u l-Artikolu 29(7) tal-EUDPR.
13. L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-klawżoli li sempliċement jiddikjaraw mill-ġdid id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(3) u (4) tal-GDPR u tal-Artikolu 29(3) u (4) tal-EUDPR mhumiex adegwati biex jikkostitwixxu klawżoli kuntrattwali standard. Għalhekk, il-Bord u l-EDPS iddeċidew li janalizzaw id-dokument kollu kemm hu, inklużi l-appendiċijiet. Fl-opinjoni tal-Bord u tal-EDPS, kuntratt skont l-Artikolu 28 tal-GDPR jew l-Artikolu 29 tal-EUDPR jenħtieġ li jistipula u jiċċara aktar kif id-dispożizzjonijiet se jiġu ssodisfati. Huwa fid-dawl ta' dan li l-Abbozz tal-SCCs ippreżentat lill-Bord u lill-EDPS għall-opinjoni jiġi analizzat.
14. Il-klawżoli kuntrattwali standard adottati jikkostitwixxu sett ta' garanziji li għandhom jintużaw kif inhu, peress li huma maħsuba biex jipproteġu lis-suġġetti tad-*data* u jimmitigaw riskji speċifiċi assoċjati mal-prinċipji fundamentali tal-protezzjoni tad-*data*.
15. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu b'mod ġenerali l-adozzjoni ta' klawżoli kuntrattwali standard bħala għodda ta' responsabbiltà b'saħħitha li tiffaċilita l-konformità mill-kontrolluri u mill-proċessuri mal-obbligi tagħhom skont il-GDPR u l-EUDPR.
16. L-EDPB diġà ħareġ opinjonijiet dwar klawżoli kuntrattwali standard imħejjija mill-Awtorità Superviżorja Daniża<sup>2</sup> u mill-Awtorità Superviżorja Slovena<sup>3</sup>.
17. Sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti għall-protezzjoni tad-*data* personali madwar l-Unjoni, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu bi kbir l-adozzjoni prevista tal-SCCs b'effett madwar l-UE kollha mill-Kummissjoni.
18. L-istess sett ta' SCCs fil-fatt se japplika irrispettivament minn jekk din ir-relazzjoni tinvolvi entitajiet privati, awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri jew istituzzjonijiet jew korpi tal-UE. Dawn l-SCCs madwar l-UE se jiżguraw aktar armonizzazzjoni u ċertezza tad-dritt.
19. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu wkoll il-fatt li l-istess sett ta' SCCs jenħtieġ li japplika fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-kontrolluri u l-proċessuri soġġetti għall-GDPR u l-EUDPR rispettivament.

### 3.2 Spjegazzjoni tal-metodoloġija applikata u l-istruttura tad-dokument

20. Għal raġunijiet ta' ċarezza, din l-opinjoni tinkludi (i) parti ewlenija li tagħti dettalji dwar il-kummenti ġenerali li l-EDPB u l-EDPS jixtiequ jagħmlu u (ii) u anness fejn il-kummenti ta' natura aktar teknika jsiru direttament għall-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-Abbozz tal-SCCs sabiex jiġu pprovvduti xi eżempji ta' emendi possibbli. Ma hemm l-ebda ġerarkija bejn il-kummenti ġenerali u dawk tekniċi.
21. Barra minn hekk, il-kummenti ewlenin dwar l-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-Abbozz tal-SCCs huma ppreżentati f'żewġ taqsimiet separati. Fejn meħtieġ, isiru kontroreferenzi biex tiġi żgurata l-konsistenza.

---

<sup>2</sup> L-Opinjoni 14/2019 dwar l-abbozz tal-Klawżoli Kuntrattwali Standard sottomessi mid-DK SA (l-Artikolu 28(8) tal-GDPR): [https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb\\_opinion\\_201914\\_dk\\_scc\\_en.pdf](https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_opinion_201914_dk_scc_en.pdf).

<sup>3</sup> L-Opinjoni 17/2020 dwar l-abbozz tal-Klawżoli Kuntrattwali Standard sottomessi mill-SI SA (l-Artikolu 28(8) tal-GDPR): [https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb\\_opinion\\_202017\\_art28sccs\\_si\\_mt.pdf](https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_opinion_202017_art28sccs_si_mt.pdf).

22. Għal raġunijiet ta' konsistenza, fejn meħtieġ, isiru wkoll kontroreferenzi għall-Opinjoni Konġunta 02/2021 tal-EDPB u l-EDPS dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi.

## 4 ANALIŻI TAL-ABBOZZ TAD-DEĊIŻJONI U TAL-ANNESS TAGĦHA

### 4.1 Kummenti ewlenin dwar l-Abbozz tad-Deċiżjoni

#### 4.1.1 Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni u dwar l-artikolazzjoni mas-sett l-ieħor ta' Abbozz tal-SCCs dwar it-trasferimenti

23. L-Artikolu 2 tal-Abbozz tad-Deċiżjoni jipprevedi li *"l-klawżoli kuntrattwali standard kif stabbiliti fl-Anness jistgħu jintużaw f'kuntratti bejn kontrollur u proċessur li jipproċessa data personali f'ismu, meta l-kontrollur u l-proċessur ikunu soġġetti għar-Regolament (UE) 2016/679 jew għar-Regolament (UE) 2018/1725"*.
24. L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-formulazzjoni kurrenti ta' dan l-Artikolu hija sors ta' inċertezza tad-dritt, fir-rigward tas-sitwazzjonijiet li fihom l-entitajiet se jkunu jistgħu jiddependu fuq dawn l-SCCs.
25. L-EDPB u l-EDPS jifhmu li l-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li dawn l-SCCs huma maħsuba biss biex ikopru sitwazzjonijiet intra-UE u li dawn il-klawżoli ma għandhomx jiġu invokati f'każ ta' trasferiment skont it-tifsira tal-Kapitolu V. F'dawn il-każijiet, il-partijiet għandhom pjuttost jibbażaw fuq is-sett separat ta' klawżoli kuntrattwali standard li ġie stabbilit għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u li huwa maħsub ukoll biex ikopri l-Artikoli 28(3) u 28(4) tar-rekwiżiti tal-GDPR ("**SCCs ta' trasferiment**").
26. L-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Abbozz tad-Deċiżjoni ma jipprovdiż biżżejjed ċarezza lill-partijiet u l-kamp ta' applikazzjoni preċiż tad-Deċiżjoni għandu jiġi stabbilit b'mod ċar u dettaljat fi premessa speċifika tal-Abbozz tad-Deċiżjoni, pereżempju qabel il-Premessa 10 kurrenti tal-Abbozz tad-Deċiżjoni.
27. Barra minn hekk, il-Bord u l-EDPS huma tal-fehma li l-formulazzjoni kurrenti tal-Artikolu 2 tal-Abbozz tad-Deċiżjoni ma tillimitax il-kamp ta' applikazzjoni għal sitwazzjonijiet intra-UE peress li l-kontrolluri jew il-proċessuri soġġetti għall-GDPR għal attivitá ta' pproċessar partikolari jistgħu jiġu stabbiliti barra mill-UE bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) tal-GDPR. Imbagħad jenħtieġ li jiġi ċċarat jekk dawn l-SCCs jistgħux jiġu invokati f'din is-sitwazzjoni.
28. Fl-aħħar nett, l-EDPB u l-EDPS huma pjuttost tal-fehma li l-limitazzjoni maħsuba għal sitwazzjonijiet intra-UE mhijiex iġġustifikata. Pereżempju, l-EDPB u l-EDPS ma jaraw l-ebda raġuni biex jipprevjenu lill-entitajiet milli jiddependu fuq dawn l-SCCs – għall-finijiet ta' konformità mal-Artikoli 28(3) u 28(4) tal-GDPR - jekk waħda mill-partijiet ma tkunx soġġetta għall-GDPR għal attivitá ta' pproċessar partikolari iżda tkun tinsab f'pajjiż adegwat. Jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-SCCs jitwessa' għal sitwazzjonijiet li jinvolvu trasferimenti barra mill-UE, jenħtieġ li jiġi ċċarat lill-partijiet li dawn l-SCCs se jipprovdu konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 28(3) u 28(4) tal-GDPR jew 29(3) u 29(4) tal-EUDPR iżda mhux ir-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mill-GDPR jew mill-EUDPR, pereżempju dwar ir-regoli relatati mat-trasferimenti internazzjonali.
29. Fil-fehma tal-EDPB u tal-EDPS, huwa importanti wkoll li fid-Deċiżjoni jiġu spjegati b'mod ċar l-artikolazzjoni u l-interazzjoni bejn dan is-sett ta' SCCs u l-SCCs tat-trasferiment. Jenħtieġ li jiġi ċċarat lill-partijiet, diġà fid-deċiżjoni, li meta l-partijiet ikollhom l-intenzjoni li jibbenefikaw mill-SCCs kemm

skont l-Artikolu 28(7) tal-GDPR kif ukoll 46(2) tal-GDPR, il-partijiet iridu jiddependu fuq l-SCCs tat-trasferiment.

## 4.2 [Kummenti ewlenin dwar l-Anness għad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni](#)

### 4.2.1 [Għan u kamp ta' applikazzjoni \(il-Klawżola 1 tal-Abbozz tal-SCCs\)](#)

30. Il-**Klawżola 1(a)** tal-Abbozz tal-SCCs tispeċifika li l-għan tal-SCCs huwa li jiżgura konformità mal-GDPR u mal-EUDPR. L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-partijiet għall-kuntratt meta jiffirmaw il-klawżoli jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu li jagħżlu jew referenzi għall-GDPR jew għall-EUDPR skont ir-Regolament rilevanti applikabbli għas-sitwazzjoni tagħhom.
31. B'dan il-mod, l-entitajiet li jużaw l-SCCs skont l-Artikolu 28 tal-GDPR ma jkollhom l-ebda referenza għall-EUDPR fl-SCCs tagħhom u l-entitajiet li jiddependu fuq l-Artikolu 29 tal-EUDPR jevitaw ir-referenzi għall-GDPR. Dan jikkontribwixxi biex ikun hemm ċarezza fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet li spiss ikunu anqas familjari ma' tali regolamenti. Jekk iva, l-SCCs jenħtieġ li jispeċifikaw li tali għażla hija possibbli u jadattaw l-abbozzar tal-SCCs kif xieraq.
32. Kif previst fil-**Klawżoli 1(b) u (c)**, u f'konformità mal-**Klawżola 5** (il-Klawżola ta' ddokkjar), diversi kontrolluri u proċessuri, elenkati fl-**Anness I**, jistgħu jkunu partijiet għall-SCCs għall-ipproċessar speċifikat fl-**Anness II**. L-EDPB u l-EDPS jemmnu li, f'każ bħal dan ta' diversi partijiet għall-kuntratt, l-SCCs (u l-Annessi tagħhom) jenħtieġ li jirrikjedu li l-partijiet jitolbu aktar dettalji u jiddelimitaw l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u jindikaw b'mod ċar liema pproċessar jitwettaq minn liema proċessur(i) f'isem liema kontrollur(i) u għal liema finijiet. Il-formulazzjoni kurrenti ta' dawn il-klawżoli tal-SCCs u tal-Annessi tista' twassal għal konfużjoni fir-rigward tal-kwalifika u r-rwol ta' kull entità fir-rigward ta' operazzjoni ta' pproċessar partikolari, speċjalment minħabba l-possibbiltà li tiġi inkluża Klawżola ta' ddokkjar.

### 4.2.2 [Invarjabbiltà \(il-Klawżola 2 tal-Abbozz tal-SCCs\)](#)

33. Skont il-**Klawżola 2(b)** tal-Abbozz tal-SCCs, il-partijiet jimpenjaw ruħhom li ma jimmodifikawhomx sakemm il-klawżoli addizzjonali *"ma jikkontradixxu, direttament jew indirettament"* lill-SCCs. Sabiex il-kontrolluri u l-proċessuri jiġu pprovduti b'ċertezza tad-dritt, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu kjarifiki dwar it-tip ta' klawżoli li l-Kummissjoni Ewropea tqis li jikkontradixxu l-SCCs b'mod dirett jew indirett. Tali kjarifika tista' pereżempju tindika li klawżoli li jikkontradixxu l-SCCs ikunu dawk li jdgħajfu jew jaffettwaw b'mod negattiv l-obbligi fl-SCCs jew jipprevjenu l-konformità mal-obbligi li jinsabu fl-SCCs. Pereżempju, klawżoli li jippermettu lill-proċessuri jużaw id-*data* għall-finijiet tagħhom stess ikunu kontra l-obbligu tal-proċessur li jipproċessa *data* personali f'isem il-kontrollur biss, u għall-finijiet u bil-mezzi identifikati minn dan tal-aħħar.

### 4.2.3 [Klawżola ta' ddokkjar \(il-Klawżola 5 tal-Abbozz tal-SCCs\)](#)

34. Il-**Klawżola 5** tal-Abbozz tal-SCCs tippermetti, bħala għażla, li kwalunkwe entità taderixxi mal-SCCs u għalhekk issir parti ġdida għall-kuntratt bħala kontrollur jew proċessur. Kif diġà ssemma' hawn fuq, il-kwalifika u r-rwol ta' tali parti ġdida fil-kuntratt jenħtieġ li jidhru b'mod ċar fl-Annessi billi l-partijiet jintalbu jagħtu aktar dettalji u jiddelimitaw l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u jindikaw b'mod ċar liema pproċessar jitwettaq minn liema proċessur(i) f'isem liema kontrollur(i) u għal liema finijiet.

35. Il-Klawżola 5(a) tagħmel l-adeżjoni ta' partijiet ġodda għall-SCCs soġġetta għall-ftehim tal-partijiet l-oħra kollha. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe diffikultà fil-prattika, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu kjarifika dwar il-mod kif tali qbil jista' jingħata mill-partijiet l-oħrajn (jekk għandux ikun bil-miktub jew le, l-iskadenza biex jiġi pprovdut tali qbil, l-informazzjoni meħtieġa qabel ma jintlaħaq qbil). Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu b'sodisfazzjon kjarifika dwar jekk tali qbil għandux jingħata mill-partijiet kollha u jekk iva kif għandu jingħata, irrISPettivament mill-kwalifiki u r-rwol tagħhom fl-ipproċessar.

#### 4.2.4 Obbligi tal-Partijiet (il-Klawżola 7 tal-Abbozz tal-SCCs)

36. Għalkemm it-titolu ta' din il-klawżola huwa "Obbligi tal-Partijiet", il-Klawżola 7(a) fil-forma kurrenti tagħha tagħmel referenza biss għall-obbligi imposti fuq il-proċessur. L-Artikolu 28(3) tal-GDPR jispeċifika li l-kuntratt tal-kontrollur/proċessur għandu jstabbilixxi d-drittijiet, iżda wkoll l-obbligi, tal-kontrollur. Konsegwentement, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li tizzied referenza ma' din il-klawżola għall-obbligi imposti fuq il-kontrollur, għall-finijiet ta' komplettezza u ċarezza mtejba. Pereżempju, is-sentenza li ġejja tista' tizzied qabel il-Klawżola 7(a): *"Il-kontrollur tad-data għandu d-dritt u l-obbligu li jieħu deċiżjonijiet dwar l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali u huwa responsabbli biex jiżgura li l-ipproċessar tad-data personali jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-data u l-Klawżoli (inkluż l-iżgurar li l-ipproċessar ta' data personali li l-proċessur jingħata struzzjonijiet biex iwettaq jiddependi minn bażi legali skont l-Artikolu 6 tal-GDPR jew l-Artikolu 5 tal-EUDPR)".*
37. Il-Klawżola 7(a) tipprevedi wkoll li l-istruzzjonijiet jenħtieġ li jiġu speċifikati fl-Anness IV u li l-istruzzjonijiet sussegwenti jistgħu jingħataw ukoll mill-kontrollur. Il-possibbiltà li l-kontrollur jagħti "struzzjonijiet sussegwenti" hija meħtieġa biex jiġu implimentati bis-sħiħ id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet stabbiliti fl-SCCs, iżda mhijiex bla limitu. Kwalunkwe struzzjoni sussegwenti jenħtieġ li tkun konformi mad-drittijiet u mal-obbligi rispettivi tal-partijiet stabbiliti fl-SCCs. L-EDPB u l-EDPS iqisu li dan jenħtieġ li jiġi speċifikat b'mod ċar fil-Klawżola.
38. Barra minn hekk, sabiex tissaħħaħ il-konsistenza mat-test tal-Artikolu 28(3)(a) tal-GDPR u l-Artikolu 29(3)(a) tal-EUDPR u biex tali obbligu jiġi inkluż direttament fil-kuntratt, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li jiġi emendat it-tmiem tal-ewwel sentenza tal-Klawżola 7(a) bil-kliem sottolinjat li ġej: *"Il-proċessur tad-data għandu jipproċessa d-data personali biss fuq struzzjonijiet dokumentati mill-kontrollur tad-data, sakemm ma jkunx meħtieġ jagħmel dan mil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru li għalih ikun soġġett il-proċessur; f'każ bħal dan, il-proċessur għandu jinforma lill-kontrollur dwar dak ir-rekwiżit legali qabel l-ipproċessar, sakemm dik il-liġi ma tkunx tipprojbixxi tali informazzjoni għal raġunijiet importanti ta' interess pubbliku".*
39. Rigward il-każ ta' struzzjonijiet illegali mogħtija mill-kontrollur, deskritti mis-subparagrafu 2 tal-Artikolu 28(3) tal-GDPR, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-kuntratt bejn il-kontrollur u l-proċessur jenħtieġ li jinkludi xi informazzjoni aktar preċiża dwar il-konsegwenzi u s-soluzzjonijiet previsti f'każ li l-proċessur jinforma lill-kontrollur li, fl-opinjoni tiegħu, l-istruzzjoni tikser il-GDPR jew dispożizzjonijiet oħrajn applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tistieden lill-partijiet jinkludu aktar dettalji dwar il-konsegwenzi tan-notifika ta' struzzjoni ta' ksur fil-kuntratt (eż. klawżola dwar il-possibbiltà li l-proċessur jissospendi l-implimentazzjoni tal-istruzzjoni affettwata sakemm il-kontrollur jikkonferma, jemenda jew jirtira l-istruzzjoni tiegħu, klawżola dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt f'każ li l-kontrollur ikompli bi struzzjoni illegali).
40. Rigward l-għażliet disponibbli għall-kontrollur skont il-Klawżola 7.2 dwar it-tħassir jew ir-ritorn tad-data, l-EDPB u l-EDPS jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea tispeċifika fil-Klawżola nnifisha li l-kontrollur



jenħtieġ li jkun jista' jimmodifika l-għażla li ssir fiż-żmien tal-iffirmar tal-kuntratt matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-kuntratt u mat-terminazzjoni tiegħu.

41. Bħala kumment ġenerali dwar il-**Klawżola 7.3** relatata mas-sigurtà tal-ipproċessar, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li l-obbligi kollha jinsabu fuq il-proċessur mingħajr ma jispeċifikaw ir-rwol tal-kontrollur b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju li trid titwettaq għal miżuri ta' sigurtà b'kunsiderazzjoni tal-iskop tal-ipproċessar stabbilit mill-kontrollur. F'xi każijiet, il-proċessur jista' ma jkunx jaf bl-iskop preċiż tal-ipproċessar, pereżempju meta jospita d-*data*. Għalhekk, u f'konformità mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 28.3 tal-GDPR, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-Klawżola jenħtieġ li tiġi kkompletata bl-obbligi li japplikaw, fir-rigward tas-sigurtà tal-ipproċessar, għall-kontrollur li, b'mod partikolari, għandu jipprovdi l-informazzjoni utli kollha lill-proċessur biex jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti f'dan ir-rigward.
42. Il-**Klawżola 7.3(a)** tal-Abbozz tal-SCCs tipprevedi li l-proċessur għandu mhux aktar 48 siegħa biex jinnotifika lill-kontrollur dwar vjolazzjoni ta' *data* personali. Tali dewmien jista' jkun qasir f'xi sitwazzjonijiet u jista' jwassal ukoll għal konfużjoni bid-dewmien li fih il-kontrollur għandu jinnotifika l-ksur tad-*data* personali lill-SA (li jibda meta l-kontrollur isir jaf bih, jiġifieri; meta l-proċessur jinnotifikah). Filwaqt li jqisu r-rekwiżit li l-proċessur jinnotifika lill-kontrollur "*mingħajr dewmien żejjed*" wara li jsir jaf bil-ksur tad-*data* personali f'konformità mal-Artikolu 33.2 tal-GDPR, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li l-partijiet jitħallew jipprovdu l-perjodu ta' żmien xieraq biex jissodisfaw dan ir-rekwiżit, skont is-sitwazzjoni speċifika. Għalhekk, il-partijiet jenħtieġ li jintalbu jispeċifikaw fl-SCCs il-perjodu ta' żmien miftiehem għal tali notifika.
43. Il-**Klawżola 7.4(c)** tal-Abbozz tal-SCCs tipprevedi l-possibbiltà li, sabiex iwettaq awditi, il-kontrollur joqgħod fuq awditur indipendenti maħtur mill-proċessur. Din id-dispożizzjoni mhijiex prevista fl-Artikolu 28(3)(h) tal-GDPR u jeħtieġ li tiġi allinjata ma' dan l-artikolu li jipprevedi li l-proċessur għandu jippermetti awditi u jikkontribwixxi għalihom, inkluż spezzjonijiet, li jitwettqu mill-kontrollur jew minn awditur ieħor maħtur mill-kontrollur. Bħala tali, il-proċessur jista' jipproponi awditur, iżda d-deċiżjoni dwar l-awditur għandha titħalla f'idejn il-kontrollur skont l-Artikolu 28(3)(h) tal-GDPR.
44. Il-**Klawżola 7.4(c)** tiddikjara wkoll li fejn il-kontrollur iqabbad awditur indipendenti, dan għandu jħallas il-kostijiet, u fejn il-proċessur jordna li jsir awditu, dan għandu jħallas il-kostijiet tal-awditur indipendenti. Peress li l-kwistjoni tal-allokkazzjoni tal-kostijiet bejn kontrollur u proċessur mhijiex regolata mill-GDPR, l-EDPB u l-EDPS konsegwentement huma tal-fehma li kwalunkwe referenza għall-kostijiet jenħtieġ li titħassar minn din il-klawżola.
45. Fir-rigward tal-**Klawżola 7.7** dwar it-trasferimenti internazzjonali, u b'mod aktar speċifiku dwar is-sitwazzjoni fejn proċessur jiddependi minn sottoproċessur f'pajjiż terz, l-EDPB u l-EDPS jesprimu l-fehma li l-punt (b) jista' jkun aktar espliċitu fir-rigward tal-possibbiltà għal dawn iż-żewġ partijiet li jiffirmaw sett wieħed ta' SCCs li jkollu l-għan li jikkonforma kemm mal-Kapitolu V kif ukoll mal-Artikolu 28(4) tal-GDPR, jekk dan hu tabilħaqq l-għan li din il-klawżola tixtieq tikseb, li jirrikjedi kjarifika ulterjuri. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat jekk il-partijiet jeħtiegħx imbagħad li jibbażaw fuq dan is-sett ta' SCCs jew inkella fuq l-SCCs tat-trasferiment li jipprovdu wkoll salvagwardji skont l-Artikolu 28(3) u (4) tal-GDPR.
46. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jixtiequ jenfasizzaw li filwaqt li l-**Klawżola 7.7(b)** tirreferi biss għall-użu tal-SCCs tat-trasferiment, diversi għodod oħra ta' trasferiment jistgħu jiġu invokati b'mod leġittimu biex jiġu definiti t-trasferimenti mill-proċessur għal sottoproċessur f'pajjiż terz, u għalhekk jissuġġerixxu l-użu ta' formulazzjoni aktar ġenerika li tirreferi għal għodod ta' trasferiment skont l-Artikolu 46 tal-GDPR.

47. L-EDPB u l-EDPS identifkaw ukoll il-ħtieġa li tiġi ċċarata aktar l-aħħar parti tal-punt (b) tal-Klawżola 7.7, b'referenza għall-*"kundizzjonijiet għall-użu"* tal-SCCs tat-trasferiment. Peress li din id-dispożizzjoni tissuġġerixxi li jista' jkun hemm kundizzjonijiet speċifiċi għall-użu tal-SCCs tat-trasferiment, hemm bżonn li jiġi speċifikat x'inhuma dawn il-kundizzjonijiet.

#### 4.2.5 Drittijiet tas-Suġġett tad-*data* (il-Klawżola 8 tal-Abbozz tal-SCCs)

48. Il-klawżola bħalissa hija intitolata *"Drittijiet tas-Suġġett tad-Data"* iżda hija l-fehma tal-EDPB u tal-EDPS li t-titolu ma jirriflettix il-kontenut tal-klawżola.
49. Il-**Klawżoli 8(a) u 8(b)** tal-Abbozz tal-SCCs tabilħaqq jirreferu għall-obbligu tal-proċessur li jipprovdi assistenza bl-obbligi tal-kontrollur li jwieġeb għal talbiet għall-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* stabbiliti fil-Kapitolu III tal-GDPR u l-Kapitolu III tal-EUDPR. Madankollu, il-Klawżoli 8(c) u 8(d) jirreferu għall-assistenza tal-proċessur ma' tipi oħrajn ta' obbligi tal-kontrollur, b'mod partikolari skont l-Artikoli minn 32 sa 36 tal-GDPR u l-Artikoli minn 33 sa 41 tal-EUDPR.
50. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li t-titolu ta' din il-klawżola jinbidel għal *"Assistenza lill-kontrollur"* biex tiġi riflessa l-assistenza differenti li l-proċessur jeħtieġ li jipprovdi.
51. Bħala alternattiva, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw lill-Kummissjoni biex taqsam il-klawżola fi tnejn biex tagħmel distinzjoni bejn l-assistenza li l-proċessur jeħtieġ li jipprovdi:
- ) bl-obbligi tal-kontrollur li jwieġeb għat-talbiet biex jiġu eżerċitati d-drittijiet tas-suġġett tad-*data* stabbiliti fil-Kapitolu III tal-GDPR u l-Kapitolu III tal-EUDPR u
  - ) bl-obbligi tal-kontrollur skont l-Artikoli minn 32 sa 36 tal-GDPR u l-Artikoli minn 33 sa 41 tal-EUDPR.
52. Barra minn hekk, il-Klawżola 8(a) tal-Abbozz tal-SCCs tipprevedi li *"l-proċessur tad-*data* għandu jinnotifika minnufih lill-kontrollur tad-*data* dwar kwalunkwe talba li tasal direttament mingħand is-suġġett tad-*data*. Dan ma għandux iwieġeb għal dik it-talba hu nnifsu, jekk u sakemm ma jkunx ġie awtorizzat jagħmel dan mill-kontrollur tad-*data*".*
53. L-EDPS u l-EDPB huma tal-fehma li din il-klawżola jenħtieġ li:
- ) tispeċifika wkoll li t-tweġibiet għas-suġġetti tad-*data* għandhom isiru f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-kontrollur (eż. dwar il-kontenut tar-rispons) kif stabbilit fl-Anness IV;
  - ) tispeċifika wkoll li l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu tal-proċessur relatat mal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* f'isem il-kontrollur jenħtieġ li jiġi deskritt u stabbilit b'mod ċar fl-Anness VII.
54. Il-**Klawżola 8(c)(1)** kif ukoll il-**Klawżola 9(a)** jirrikjedu li tiġi speċifikata l-Awtorità Superviżorja li hija kompetenti iżda ma jipprevedux il-każ fejn hemm diversi kontrolluri partijiet għall-kuntratt u għalhekk diversi awtoritajiet superviżorji kompetenti. Għalhekk, jenħtieġ li tiżdied il-possibbiltà li jissemmew diversi awtoritajiet superviżorji kompetenti. Barra minn hekk, jista' jkun hemm każijiet fejn l-iproċessar soġġett għall-klawżoli jkun transfruntier u Awtorità Superviżorja ewlenija għandha tiġi identifikata bħala Awtorità Superviżorja kompetenti. Dan jenħtieġ li jiġi rifless ukoll fil-Klawżoli 8(c)(1) u 9(a).
55. L-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li, f'każ li l-proċessuri fl-UE jkunu marbutin minn liġijiet jew Prattiki ta' pajjiżi terzi li jaffettwaw il-konformità ma' dawn il-klawżoli, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk klawżola addizzjonali biex jiġu indirizzati dawn il-każijiet hijiex xierqa.

#### 4.2.6 Annessi għall-Abbozz tal-SCCs

56. L-SCCs huma mfassla biex jintużaw għal ftehimiet dwar l-ipproċessar tad-*data*, li jistgħu jinvolvu aktar minn parti waħda bħala kontrollur u/jew aktar minn parti waħda bħala proċessur. Dan jimplika r-riskju li, jekk l-Annessi ma jimtlewx kif xieraq, ir-responsabbiltajiet tal-partijiet ma jkunux ċari. Dan ir-riskju jiżdied fejn partijiet ġodda sussegwentement jingħaqdu mal-kuntratt billi jużaw il-Klawżola ta' Ddokkjar u/jew il-kuntratt ikopri l-ipproċessar għal skopijiet differenti jew f'ċirkostanzi differenti.
57. L-EDPS u l-EDPB huma tal-fehma li huwa ta' importanza kbira li l-Annessi għall-SCCs jiddelimitaw b'ċarezza assoluta r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' kull waħda mill-partijiet f'kull relazzjoni u fir-rigward ta' kull attività ta' pproċessar. Dan huwa meħtieġ biex il-partijiet ikunu jistgħu jiddeterminaw min qed jipproċessa liema *data* personali, għal min u għal liema skop, u liema struzzjonijiet huma applikabbli u min għandu permess jagħti struzzjonijiet. Kwalunkwe ambigwiżà tagħmilha impossibbli għall-kontrolluri jew għall-proċessuri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-prinċipju tar-responsabbiltà.
58. Meta l-partijiet li jipprovdu jew li jużaw ċerti servizzi ta' pproċessar, id-deskrizzjoni (dettalji) tal-ipproċessar, il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali applikabbli, l-istruzzjonijiet mill-kontrollur dwar l-ipproċessar ta' *data* personali, ir-restrizzjonijiet speċifiċi u/jew is-salvagwardji addizzjonali dwar *data* ta' kategorija speċjali, is-sottoproċessuri awtorizzati, u/jew il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali li bihom il-proċessur huwa meħtieġ jassisti lill-kontrollur iwarjaw, il-partijiet jenħtieġ li jkunu meħtieġa jikkompletaw aktar l-Annessi I sa VII, sakemm id-differenzi ma jkunux limitati ħafna u l-eċċezzjonijiet deskritti b'mod ċar fl-Annessi.
59. Fil-każ ta' kuntratt kumpless, li pereżempju jinkludi diversi partijiet jew diversi skopijiet, dejjem irid ikun ċar liema Anness (jew fil-każ ta' devjazzjonijiet limitati f'Anness wieħed: liema stipulazzjoni ta' dan l-Anness) japplika għal liema sitwazzjoni jew relazzjoni speċifika. Huwa meħtieġ li jiġu identifikati u distinti b'mod ċar l-attivitajiet differenti ta' pproċessar.

\*\*\*

Għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

(Wojciech Wiewiorowski)

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)